

LIĠI
LI TEMENDA L-ARTIKOLI 2, 48 U 50 TAL-LIĠI TAR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA
NRU 1-1418 DWAR L-GĦOTI TA' INFORMAZZJONI LILL-PUBBLIKU
U LI TISSUPPLEMENTA L-LIĠI
BL-ARTIKOLU 52¹

2024

Nru

Vilnius

Artikolu 1 Emenda għall-Artikolu 2

1. L-Artikolu 2 għandu jiġi ssupplimentat b'paragrafu 25 ġdid kif ġej:

“25. “Manipulazzjoni tal-kontijiet tal-pjattaforma tas-servizzi tal-media soċjali online”

tfisser metodu biex jiżdied it-tixrid tal-kontenut tal-kontijiet ta' pjattaforma tal-media soċjali online bl-għan li jiżdied b'mod artifiċjali l-għadd ta' dehriet, kummenti, shares, likes, segwaċi u/jew abbonati tal-kontijiet permezz ta' kontijiet ġestiti awtomatikament jew ikkontrollati awtomatikament jew gruppi tagħhom, sabiex l-algoritmi jagħtu prijorità lil dan il-kontenut, u b'hekk ikun disponibbli għal għadd kbir ta' utenti finali tas-servizz tal-media soċjali online.”

2. Dawk li qabel kienu l-paragrafi 25 sa 87 tal-Artikolu 2 għandhom jiġu ttrattati bħala l-paragrafi 26 sa 88, rispettivament.

3. L-Artikolu 2(88) għandu jiġi emendat biex jaqra kif ġej:

“88. Termini oħra użati f'din il-liġi għandhom jinfteħmu bħala definiti fil-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar il-Kontroll tal-Alkoħol, il-Liġi dwar il-Logħob tal-Azzard tar-Repubblika tal-Litwanja, il-Liġi dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar is-Servizzi tas-Soċjetà tal-Infomazzjoni, il-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar iċ-Ċibersigurtà, il-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar iċ-Ċinema, il-Liġi dwar il-Kompetizzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja, il-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar il-Karità u l-Isponsorjar, il-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar il-Lotteriji, il-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar il-Protezzjoni tal-Minuri kontra l-Effett Detrimentali tal-Infomazzjoni Pubblika, il-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar l-Organizzazzjonijiet Politiċi, il-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar ir-Reklamar, il-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar il-Kontroll tat-Tabakk, Prodotti tat-Tabakk u Prodotti Relatati, il-Liġi dwar id-Dritt għall-Ġbir ta' Infomazzjoni mill-Istat u l-Istituzzjonijiet u l-Aġenziji Muniċipali, il-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar il-Ġestjoni tar-Riżorsi ta' Infomazzjoni tal-Istat, il-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar is-Sigrieti tal-Istat u s-Sigrieti Uffiċjali, il-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar ir-Remunerazzjoni tal-Politiċi tal-Istat u tal-Uffiċjali tal-Istat, il-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar il-Koordinazzjoni tal-Interessi Pubbliċi u Privati u liġijiet oħra, kif ukoll ir-Regolament (UE) 2021/784, ir-Regolament (UE) 2022/1925 u r-Regolament (UE) 2022/2065.”

Artikolu 2. Emenda għall-Artikolu 48

1. L-Artikolu 48(1)(27) tal-Liġi għandu jiġi emendat kif ġej:

“27) jimplimenta d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar suq uniku għas-servizzi diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) relatati mat-tneħħija ta' kontenut illegali rregolat mid-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi minn pjattaformi online jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għalihom billi japplika, *mutatis mutandis*, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 52* ta' din il-liġi.”

2. Is-subparagrafu 27 preċedenti tal-Artikolu 48(1) għandu għalhekk jiġi ttrattat bħala s-subparagrafu 28.

Artikolu 3. Supplementazzjoni tal-Artikolu 50 tal-Liġi

L-Artikolu 50(1) tal-Liġi huwa kkompletat bis-subparagrafu 13 kif ġej:

“13) jimplimenta d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar suq uniku għas-servizzi diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) relatati mat-tneħħija ta' kontenut illegali rregolat mid-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi minn pjattaformi online jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għalihom billi japplika, *mutatis mutandis*, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 52¹ ta' din il-liġi.”

Artikolu 4. Supplementazzjoni tal-Liġi bl-Artikolu 52¹

Il-Liġi għandha tiġi ssupplimentata bl-Artikolu 52¹ kif ġej:

“Artikolu 52¹. Manipulazzjoni ta' kontijiet ta' pjattaforma ta' servizzi tal-media soċjali online permezz tal-pubblikazzjoni ta' informazzjoni pprojbita

1. L-Ispettur jew il-Kummissjoni, wara li jkun identifikaw, fuq inizzjattiva tagħhom stess jew abbażi ta' avviż/ilment riċevut, il-pubblikazzjoni, permezz ta' manipulazzjoni tal-kontijiet tal-pjattaforma tas-servizzi tal-media soċjali online, tal-informazzjoni li ma għandhiex tiġi ppubblikata msemija fl-Artikolu 19(1)(1) ta' din il-liġi, għandhom, wara li jikkunsidraw il-periklu ta' din l-informazzjoni, is-serjetà tat-theddida kkawżata lill-pubbliku, il-proporzjonalità tal-miżuri meħuda u d-drittijiet stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jagħtu struzzjonijiet, fil-kompetenza tagħhom, lill-fornitur tas-servizzi tal-media soċjali biex ineħħi d-data artifiċjalment minfuħa li tidentifika l-għadd ta' dehriet, kummenti, qsim ta' kontenut, likes, segwaċi u/jew abbonati ta' din l-informazzjoni sensittiva fi żmien 24 siegħa.

2. Malli jirċievi ordni kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-fornitur ta' servizzi tal-media soċjali għandu jeżaminaha f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2022/2065 u jinforma lill-awtorità emittenti bid-deċizzjonijiet meħuda fil-perjodu ta' żmien stabbilit. Fil-kompetenza tagħhom, l-Ispettur jew il-Kummissjoni għandhom jittrażmettu l-informazzjoni kollha relatata mal-ordni lill-Awtorità Regolatorja tal-Komunikazzjonijiet, li għandha s-setgħa mil-Liġi dwar is-Servizzi tas-Soċjetà tal-Infommazzjoni biex twettaq il-funzjonijiet ta' Koordinatur tas-Servizzi Diġitali kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2022/2065.”

Artikolu 5. Dħul fis-seħħ tal-liġi

Din il-liġi għandha tidħol fis-seħħ fl-

2024.

B'dan niddikjara li din il-Liġi għaddiet mis-Seimas (il-Parlament Litwan) tar-Repubblika tal-Litwanja.

Il-President tar-Repubblika